Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (EU Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Paul Bond)

vs

Carmelo Spiteri

Illum 1 ta' Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Carmelo Spiteri, iben Saviour u Giorgia mitwielda Spiteri u detentur tal-karta tal-identita Nru. 539352(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn il-31 ta' Mejju 1996 u is-17 ta' Dicembru, 1999 bhala id-detentur tal-fond bl-isem "My Way", Triq l-Isbandola Hal-Qormi; b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz eletriku, cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-kunsum elettriku, jew li bihom seta

iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, kkometta serq ta' kurrent elettriku li l-valur tieghu jammonta ghal LM201.32, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Nakkuzah talli ukoll matul l-istess perjodu ikkaguna hsara volontarja fl-istess meter, liema hsara tammonta ghal LM8, ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti, rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi Silvio Decelis, Administrative Officer mal-Korporazzjoni EneMalta xehed fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2002 fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta u illi l-istess Korporazzjoni illum

il-gurnata ma ghandha l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.

Illi l-Qorti rat il-process verbal esebit f'dawn l-atti u senjatament il-konkluzzjonijiet illi ghalihom wasal il-Perit Tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta fejn il-Perit Tekniku ikkonkluda li l-meter tal-elettriku f'dan il-fond kien ilu stallat cirka hames snin u kien gie istallat fuq talba tal-istess imputat. Il-Perit Tekniku ikkonkluda illi irrizulta ampjament illi l-meter tad-dawl in kwistjoni kien gie imbaghbas. B'dan it-tbaghbis kienet saret hsara stmata tmien liri (LM8) u illi l-imputat fuq imsemmi kien ilu joqghod fl-istess post minn meta inbena u ghaldaqstant kellu jinzamm responsabbli ghat-tbaghbis illi instab fil-meter tal-elettriku in kwistjoni.

Illi ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 283 u 325(d) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi illum il-gurnata hallas l-ammont totali dovut minnu lill-Korporazzjoni EneMalta kemm ghal dak illi jkopri l-valur

tad-dawl misruq, kif ukoll ghall-hsarat ikkagunati fil-meter tad-dawl. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u ghaldaqstant tara illi jkun aktar idoneju illi f'dan il-kaz illi ma tigix applikata piena karcerarja, imma illi minflok l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara illi l-Qorti rat ukoll l-Artikoku 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. Finalment il-Qorti rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u tikkundanna lill-imputat sabiex jhallas l-ispejjez kollha involuti mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat sabiex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur